# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Lulju 2000**

**Numru 18**

**Citaz. numru 1301/96DS**

Michael u Mary Rita konjugi Mifsud
vs
Raymond u Frances konjugi Fenech

Illum, il-Gimgha, 7 ta' Lulju, 2000.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-22 ta' April 1996 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

illi l-atturi weghdu u pprometew li jixtru u jakkwistaw minghand il-konvenuti li da parti taghhom weghdu u pprometew li jbieghu u jitrasferixxu lill-istess atturi l-fond li jismu "Panchard", fi Triq Moroni, il-Gzira, kif ahjar deskritt fil-konvenju datat 5 ta' Dicembru 1995 bil-kondizzjonijiet u pattijiet hemm stipulati, liema konvenju qieghed jigi unit bhala dokument A;

illi l-konvenuti minghajr ebda raguni valida fil-ligi qeghdin jirrifjutaw li jersqu ghall-kuntratt definittiv;

illi minkejja nterpellati biex jersqu ghal dan il-kuntratt permezz ta' ittra ufficjali datata 3 ta' April, 1996, il-konvenuti baqghu inadempjenti (ara dokument B);

illi l-atturi ghalhekk zammew fermi d-dritt taghhom, taht il-ligi u dan kif jiddisponi l-artikolu 1357 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, biex jaghmlu il-proceduri odjerni;

talbu lil din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. tordna u tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jersqu fuq il-kuntratt difinittiv ta' bejgh u trasferiment kif promettew li jaghmlu fil-konvenju fuq citat, liema kuntratt ghandu jigi ppublikat min-Nutar Clyde La Rosa fil-hin u lok li jidrilha opportuni fic-cirkostanzi u dan sabiex isir it-trasferiment effettiv tal-fond "Panhard" fi Triq Moroni, Gzira u kif ahjar deskritt fil-konvenju fuq imsemmi, bil-pattijiet u kundizzjonijiet hemm stipulati; u

2. tappunta kuratur sabiex jidher ghall-kontumaci, fl-eventwali li l-konvenuti jew min minnhom jibqa' ma jidhirx ghall-kuntratt definittiv skond kif tordna din il-Qorti fl-ewwel talba;

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni nkluzi fl-ispejjez dawk inkorsi biex infethet il-Qorti ghall-presentata tal-ittra ufficjali in kwistjoni.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati baqghu kontumaci;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-konvenuti pprezentata fir-Registru fit-3 ta' Mejju 2000 u d-dikjarazzjoni verbalizzata llum stess fejn ammettew it-talbiet attrici;

Fuq tali ammissjoni;

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici, u

1. tordna u tikkundanna lill-konvenuti jersqu fuq il-kuntratt definittiv ta' bejgh u trasferiment kif ippromettew li jaghmlu fil-konvenju citat, liema kuntratt ghandu jigi ppublikat minn-Nutar Clyde La Rosa fit-28 ta' Lulju 2000 fil-11.00 a.m. fl-edificju tal-Qorti (jew data ohra u lok alternattiv li l-Qorti tawtoriza fuq rikors tal-partijiet jew min minnhom), u dan sabiex isir it-trasferiment effettiv tal-fond "Panhard" fi Triq Moroni, Gzira, u kif ahjar deskritt fil-konvenju fuq imsemmi, bil-jeddijiet u kondizzjonijiet hemm stipulati, u

2. tappunta lill-Avukat Dr. Ivan Gatt sabiex jidher ghall-kontumaci fl-eventwalita' li l-konvenuti jew min minnhom jibqa' ma jidhirx ghall-kuntratt definittiv kif ordnat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**